MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Numru. 13/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Lorraine Grima**

**Illum, 9 ta' Lulju 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Lorraine Grima ta' 31 sena bint Joseph u Theresa nee` Spiteri imwielda fit-13 ta' Frar 1974, il-Pieta` u residenti 46, Triq San Mikiel, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 115674(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Mejju 2005 u fit-tliet xhur ta' qabel, gewwa Bormla u fi bnadi ohra f'Malta u f'hinijiet differenti:

1) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkustanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

2) Talli kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar l-14 ta' Gunju 2002, fl-awla tal-Magistrati Ghawdex.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta, sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006, xehed **l-Ispettur Nezren Grixti**[1] li qal illi fit-30 ta' April 2005 membri tal-AFM kienu qed jaghmlu *road block* fl-inhawi ta' Cospicua u ghall-habta tal-10.00 p.m. waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAA 874 li kienet misjuqa mill-imputata. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna taghha, instabu 25 pillola allegatament *ecstasy*. Wara li l-pulizija gew infurmati b'dan il-kaz, saret tfittxija wkoll fir-residenza tal-imputata, fejn instabu tracci ta' *ecstasy* go bicca *foil*. In kontro-ezami, b'referenza ghat-tfittxija li saret fir-residenza taghha, x-xhud spjega illi hemmhekk, fil-kcina, kienet instabet bicca *foil* li fiha kien hemm xi trab. L-imputata kienet ikkonfermat li dan kien parti minn pillola allegatament *ecstasy.* Fl-istess seduta xehdet **Gunner Josianne Galea**[2], li qalet illi kienet qeghda ssir *road block* gewwa Bormla fit-30 ta' April 2005, fejn ghamlet tfittxija fuq tfajla ossia l-imputata u li fl-*underwear* sabitilha borza b'25 pillola. Maghha prezenti waqt it-tfittxija kien hemm Gunner Borg.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006, xehed **Gunner Borda**[3], li qal illi fit-30 ta' April 2005 kienet qeghda ssir *roadblock* gewwa Cospicua fit-telgha li taghti ghal San Gwann T'Ghuxa. Huwa kien qieghed xi 50 metru l-boghod mir-*roadblock* u li kien jinsab elevat min-naha tat-triq. Tahtu waqfet karozza tal-marka Fiat Uno, bin-numru ta' registrazzjoni GAA 874 u ra lill-passiggier jaghmel moviment fil-bra. Jaf li kienet mara, pero` stante li kien elevat ma kienx

[1] A fol. 14 sa 16 tal-process.
[2] A fol. 17 sa 19 tal-process.
[3] A fol. 21 sa 23 tal-process.

f'posizzjoni li jarafha. Kull ma ra kienet l-id taghmel moviment fil-parti ta' quddiem. Huwa kkuntatja lill-membri ohrajn li kienu fir-*roadblocks* u tahom in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Mit-tfittxija li saret fuqha kienu nstabu 25 pillola suspettati *ecstasy,* li kienu roza, b'denfil fuqhom. Fil-vettura kien hemm ix-xufier, passiggier u zewgt itfal fuq wara, izda bhala mara adulta kien hemm wahda biss fil-vettura.

Fl-istess seduta xehed ukoll **l-Ispizjar Mario Mifsud**[4], li pprezenta r-relazzjoni tieghu.[5] Jirrizulta mill-istess relazzjoni, illi fil-25 pilloli li fuqhom ghamel l-analizi nstabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*, liema sustanza hija kkontrollata bil-ligi. In oltre il-frak roza, f'ammont nett totali ta' 95mg, instabet fih l-istess sustanza. Fix-xhieda tieghu, l-istess espert spjega, b'referenza ghall-25 pillola, illi dawn huma pilloli *ecstasy.*

Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2014, xehdet **l-imputata**[6] li qalet illi fil-jum in kwistjoni, kienu hergin u kienet ser twassal lit-tfal. Kienet qeghda ma' certu Roderick Seguna. Hija qalet illi sabiex ma thallix il-pilloli d-dar u dan ghaliex id-dar kellha tlett itfal kbar, hija hbiethom f'sidirha. Qalet illi Roderick ma kienx jaf li garrithom fuqha, izda kif kienu telghin Bormla, fil-mina, kien hemm is-suldati, waqqfuha, fittxewlha u sabuhomlha. Il-pulizija qalulha biex l-ghada tinzel id-*Depot* izda ma kinitx tiftakar x'qaltilhom. Qalet illi l-pilloli kienet xtrathom prezz tajjeb u allura kienet xtrathom sabiex meta jmorru xi *party* ma toqghodx tixtrihom bil-prezz ta' Lm10 il-wahda. Kienet qed igorrhom fuqha minhabba t-tfal. Qalet illi dak iz-zmien ma kinitx tahdem u kienet tghix bir-*relief*. Mistoqsija ghal min kienu dawn il-pilloli, hija qalet illi meta kienu jitilghu *party* kellha zewgt ihbieb ohra, ragel u mara u li l-pilloli kienu qeghdin ghandha biex jitilghu l-*party*. Flok ma kienet tixtrihom Lm10 il-wahda, kienu jaghmlu l-*party* u jaghmlu 24 siegha ghaddejjin. Qalet illi l-pilloli kienu ghaliha u ghal habibitha u r-ragel taghha u ghal *partner* taghha. Qalet illi dak iz-zmien kienet tikkonsma d-droga, izda llum m'ghadhiex tabbuza u li minn din l-okkazzjoni li nqabdet, ma regghetx marret *party* u li minn dak iz-zmien ma kellhiex kazijiet

[4] A fol. 24 u 25 tal-process.
[5] A fol. 26 tal-process.
[6] A fol. 60 *et seq* tal-process.

ohrajn dwar droga. In kontro-ezami, meta saritilha referenza ghall-istqarrija rilaxxjata minnha u ghall-parti fejn hija kienet qalet illi t-tracci tal-*ecstasy* li kienu nstabu fil-kcina tar-residenza taghha kienu parti minn pillola ohra *ecstasy* li hija kellha u li kien fadlilha ghax kienet tfarrket, qalet illi ma kienx veru li sabulha xi haga fil-kcina u li kienu sabulha kalmanti u li dawn imbaghad kienu tawhomlha lura.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi ghalkemm fl-atti hemm esebita stqarrija x'aktarx rilaxxjata mill-imputata wara l-incident mertu tal-kaz odjern[7], din l-istqarrija baqghet ma gietx ikkonfermatha mill-Ufficjal Prosekutur waqt ix-xhieda tieghu. Fix-xhieda tieghu fil-fatt l-istess Ufficjal Prosekutur m'ghamel l-ebda referenza ghal din l-istqarrija, ghajr illi qal illi l-imputata giet mitkellma mill-pulizija u ndika x'qalet lill-pulizija meta giet hekk mitkellma, minghajr ma ndika la li l-imputata qalet dan id-diskors fl-istqarrija u lanqas jekk meta giet hekk mitkellma, inghatatx lilha s-solita twissija li hija ma kinitx obbligata li twiegeb ghad-domandi li saru lilha u li dak li jinghad jista' jingieb bhala prova. In oltre, l-Ufficjal Prosekutur lanqas ma indika jekk kienx hu illi kellem lill-imputata. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni la tal-istqarrija esebita in atti u lanqas ta' dak li wiegbet l-imputata meta giet mitkellma mill-pulizija.

Mill-provi prodotti u specifikatament mix-xhieda ta' Gunner Galea, jirrizulta illi l-imputata twaqqfet waqt *road block* gewwa Cospicua u fuq il-persuna taghha sabitilha borza b'25 pillola. Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, imbaghad, jirrizulta fir-rigward tal-pilloli li gew analizzati minnu, li kienu jammontaw ghal hamsa u ghoxrin pillola, illi l-*label* jew it-*tag* li kienet ma' dawn il-pilloli tindika li dawn gew elevati fit-30 ta' April 2005, fl-10:00 p.m. minn fuq il-persuna ta'

[7] A fol. 2 tal-process.

Lorraine Grima, fil-presenza taghha, minn PS 1355 u WPS 45. Dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizja ma jissemmew imkien fil-provi prodotti u l-Prosekuzzjoni lanqas ma ressqithom bhala xhieda f'dawn il-proceduri, sabiex jikkonfermaw o meno li kienu huma li effettivament elevaw dawn il-pilloli, minn fejn elevawhom u c-cirkostanzi li fihom elevaw dawn l-oggetti.

Minkejja dan madankollu, jirrizulta car, kif inghad izjed il'fuq, fl-ewwel lok illi nstabu 25 pillola fuq il-persuna tal-imputata bhal ma jirrizulta wkoll illi l-espert forensiku inghata proprju 25 pillola ghall-analizi. Jirrizulta wkoll illi fuq it-*tag* mehmuza ma' dawn il-pilloli, kien hemm isem l-imputata, kif ukoll id-data u l-hin li fihom dawn gew elevati minn fuq il-persuna taghha, liema data tikkombaca ma' dak li xehdu Gunner Galea u Gunner Borda, apparti illi l-hin tas-sejba kien l-istess hin indikat mill-Ispettur Nezren Grixti fix-xhieda tieghu. In oltre fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, l-imputata ammettiet illi fil-pussess taghha kienu nstabu numru ta' pilloli waqt *road block* gewwa Bormla u ghalkemm fl-ebda hin ma qalet li kellha 25 pillola fil-pussess taghha, biss kull darba li giet mistoqsija kemm mill-avukat taghha, kif ukoll mill-Qorti specifikatament rigward il-25 pillola, hija ma nnegat imkien li fil-fatt kien hemm dan l-ammont fil-pussess taghha, izda kompliet twiegeb id-domandi li saru lilha. Fil-fatt mistoqsija mill-avukat difensur x'sar mill-25 pillola, hija wiegbet illi dawn ittiehdu d-*Depot* b'referenza ghal dawn il-pilloli. Veru wkoll illi l-imputata tirreferi ghal pilloli li nstabu fuqha sempliciment bhala pilloli minghajr ma tindika wkoll li dawn kienu pilloli *ecstasy*, izda l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-istess imputata xehdet illi hija kienet qed iggorr dawn il-pilloli maghha ghaliex ma riditx thallihom id-dar fejn kellha tlett itfal ohra kbar, li dawn il-pilloli kienu ntizi sabiex taghmel uzu minnhom f'*party* u li kienet xtrathom bi prezz tajjeb minflok tixtrihom Lm10 il-wahda fil-*party*, li bis-sahha ta' dawn il-pilloli, hi u shabha kienu jaghmlu 24 siegha ghaddejjin bil-muzika waqt *party* u li dak iz-zmien, hija kienet tikkonsma d-droga. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tista' tasal ghall-konvinciment morali illi l-pilloli *ecstasy* li gew analizzati mill-Ispizjar Mario Mifsud kienu proprju l-istess pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputata fir-*road block* in kwistjoni.

Fix-xhieda taghha imbaghad, l-imputata tghid ukoll illi l-pilloli in kwistjoni kienu intizi ghaliha, ghall-hbieb taghha u ghall-*partner* taghha. Ghalhekk apparti illi l-ammont fih inniffsu huwa diga` indikattiv ta' pussess li mhuwiex ghall-uzu esklussiv, jirrizulta car mix-xhieda tal-istess imputata illi l-pilloli ma kinux intizi ghaliha biss, izda kienu intizi wkoll ghal terzi persuni. Lanqas ma jista' jinghad illi dan kien kaz ta' *sharing* fis-sinjifikat legali tal-kelma kif adoperata fil-*proviso* ghall-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex id-droga kienet intiza *ab initio* mhux ghall-imputata wahedha, izda anke ghal terzi persuni (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, tal-5 ta' Mejju 2008).

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi r-*road block* in kwistjoni u ghalhekk is-sejba tal-pilloli fil-pussess tal-imputata sehhet fit-30 ta' April 2005 u li l-imputazzjoni odjerna tirreferi ghat-30 ta' Mejju 2005 u tlett xhur qabel. Ghaldaqstant ir-reat odjern jinkwadra ruhu fid-data tal-imputazzjonijiet odjerni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha turi sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputata hija hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputata giet akkuzata wkoll talli kkommettiet reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija fl-14 ta' Gunju 2002. Din is-sentenza giet esebita mill-Prosekuzzjoni u tinsab esebita a fol. 49 *et seq* tal-process. Jirrizulta mill-istess sentenza illi l-imputata kienet inghatat sentenza ta' tlett snin prigunerija sospizi ghall-erba' snin fid-data msemmija. Dan ifisser illi r-reat odjern gie kommess fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u ghaldaqstant l-imputata qed tinstab hatja wkoll ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2005, u li ghalkemm kien hemm seduti li fihom l-imputata ma dheritx, kien hemm ukoll numru ta' seduti li fihom l-imputata ma dehritx ghax ma kinitx notifikata jew li fihom ma sar xejn ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-istess imputata.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reat in kwistjoni u qieset ukoll illi ghalkemm il-fedina penali aggornata tal-imputata baqghet ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni, jidher illi minn dak iz-zmien, l-imputata ma baqghetx tabbuza mid-droga, kif jidher ukoll illi llum sabet impjieg.

Qieset ukoll illi l-imputata nstabet fil-pussess ta' 25 pillola *ecstasy*, li certament m'huwiex ammont zghir.

Fir-rigward tas-sentenza sospiza mertu tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti qieset ukoll illi s-sensiela ta' reati li dwarhom l-imputata instabet hatja u nghatat din is-sentenza, lkoll jirrisalu ghas-sena 2002 u tenut kont tat-trapass taz-zmien, li kif inghad, m'huwiex ghal kollox imputabbli lill-imputata, kif ukoll illi jidher li l-imputata dawret ir-rotta f'hajjitha u qabdet it-triq it-tajba u meqjus ukoll illi l-Qorti hija diga` marbuta illi tinfliggi piena ta' prigunerija fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti jidhrilha illi m'ghandhiex tordna illi s-sentenza sospiza ghandha tibda ssehh, izda minflok qeghda tordna illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ghandu jerga' jibda jiddekorri mill-gdid mid-data ta' din is-sentenza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 u l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputata **hatja** tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ghal piena ta’ **disa’ (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ seba’ mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28B(1) u (2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghar-ragunijiet fuq indikati, qeghda titratta mal-hatja dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti fl-14 ta’ Gunju 2002, permezz ta’ liema sentenza hija kienet giet ikkundannatha ghal piena ta’ tlett snin prigunerija sospizi ghal erba’ snin, billi tordna illi l-perjodu operattiv ta’ erba’ snin jerga’ jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti **m’hijiex** qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante illi r-reat in kwistjoni sehh qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tal-2005, li emenda l-imsemmi artikolu u illi ma saritx talba ghall-hlas ta’ tali spejjez da parti tal-prosekuzzjoni, kif kienet trid il-ligi qabel l-emenda relattiva.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti kollha relatati mal-abbuz tad-droga (Dok. NG1), hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------